# Fit-triq tal-Qdusija ma' M. Margherita De Brincat





Fr. Pier Giuseppe Pesce, O.F.M.

**Il-Virtujiet Erojċi**

**tal-Venerabbli Serva t’Alla**

**Madre Margherita De Brincat,**

**Fundatriċi**

**tas-**

**Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesù,**

**ippreżentati mill-ulied spiritwali tagħha.**

(miġbur minn Patri Pier Giuseppe Pesce, O.F.M)

Il-140 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kongregazzjoni tagħna
1880 – 2020

Stampat fis-sena 2020
Casa Generalizia
Santa Maria delle Mole
Marino. Roma.

# Introduzzjoni

Għall-bnedmin ikkonsagrati lil Alla fil-ħajja reliġjuża, li jikkonservaw it-tifkira tal-fundaturi hi kundizzjoni essenzjali biex jirċievu mill-għeruq storiċi u ispirazjonali bħal nutriment li jistampaw il-ħajja tagħhom u tal-komunità s-siġill ta' fedeltà ġenwina u dinamika, li taf iġġib armonija fl-iżvilupp tal-kontinwità.

Dan il-bżonn iħossuh ħafna s-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Dan jixhduh fost kollox, il-ħafna pubblikazzjonijiet fuq il-ħajja u l-ispiritwalità tal-Venerabbli qaddejja t'Alla Madre Margherita Debrincat (1862-1952) li kompliet bl-imħabba u xettlet jum wara jum l-opra li beda Dun Ġużepp Diacono, u bi dritt, tissejjaħ (flimkien miegħu) il-Fundatriċi tal-Kongregazzjoni.

Is-Sorijiet Franġiskani huma konxji ta' dan il-bżonn. Dan jixhduh l-inizjattivi li tieħu l-Kongregazzjoni biex tapprofondixxi fost is-sorijiet l-għarfien tal-karizma billi jifhmu kif Madre Margherita laqgħatha, għexietha u għaddietha lill-oħrajn.

Fl-istess ħin ta' min isemmi żewġ ġrajjiet ta' mportanza mhux tas-soltu. Fit-12 ta' April 2013 iltaqa' il-kungress speċjali tal-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin biex jiddiskuti il-Voti tad-9 Konsulenti Teoloġiċi li kellhom id-dmir li jivvalutaw l-eroiċità tal-virtujiet li għexet Madre Margherita. Fit-tmiem id-diskussjoni kollha qablu u għaddew ġudizzju affermattiv. Fis-27 tax-xahar 2014, dan il-ġudizzju ġie kkonfermat uffiċċjalment mill-Papa Franġisku. Hekk Madre Margherita saret magħrufa bħala Venerabbli.

Wieħed jista' jifhem, li dawn il-ġrajjiet komplew ikabbru l-interess tas-sorijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-Fundatriċi tagħhom.

Dan l-interess wassal lill-Kunsill Ġenerali li jieħu inizjattiva ta' min ifaħħarha: li jinvolvu direttament lis-sorijiet kollha fi studju profond. Għalhekk kull Provinċja, Reġjun, u Komunitajiet li jiddeppendu mis-Superjura Ġenerali ngħataw l-impenn li jistudjaw l-ispirtwalità ta' Madre Margherita billi jeżaminaw il-virtujiet tagħha: b'liema spirtu għexiethom u ttrasmettithom.

Biex iwettqu dan l-istudju s-sorijiet nqdew fuq kollox b'żewġ għejjun.

L-ewwel għajn kienet il-ħafna ittri ta' Madre Margherita li ġew ippublikati fl-2001 u li s-sorijiet kollha jafuhom tajjeb. Biex ngħid il-verità s-sorijiet ma jikkwotawx l-ittri direttament: aktar milli jikkwotaw l-ittri, huma kienu aktar interressati jiġbru il-kontenut u l-ispirtu ta' dak li kitbet Madre Margherita. Minkejja dan, biex dak li ngħidu jkun aktar ċar u motivat, kien jidher bżonnjuż li ngħaqqdu kollox flimkien.

It-tieni għajn kienet il-voti tal-Konsulenti Teoloġiċi. Minn din l-għajn, li tinkludi il-ħafna riżultati li ħarġu mill-inkjesta djoċesana għall-Bejatifikazzjoni li nfetħet 1988-2000, is-sorijiet ġabru ħafna tagħrif mingħand nies (kemm sorijiet kif ukoll lajċi) li kienu jafu lil Madre Margherita u taw xhieda fidila u ddettaljata.

Is-sorijiet ta' spiss jikkwotaw ukoll il-Kostituzzjonijiet tagħhom biex jivverifikaw kif intlaqgħet il-kariżma kongregazzjonali li għadditilhom Madre Margherita. Dawn ir-riferimenti ma tnisslux hawn għax fil-Kapitlu Ġenerali li ġie ċċelebrat f'Lulju li għadda ġew mġedda l-Kostituzzjonijiet li għadhom ma ġewx rikonoxxuti uffiċjalment mill-Kongregazzjoni tal-Istituti tal-Ħajja Kkonsagrata. Xorta waħda bla dubbju, il-Kostituzzjonijiet jimxu id f'id mal-kariżma Kongregazzjonali.

Il-frott ta' dan l-istudju mpenjattif inġabar f'xogħol wieħed. Biex ma niftehmux ħażin irridu niċċaraw ċerti affarijiet. Kull grupp ħadem għal rasu, u għalhekk id-diversità fix-xogħol li nġabar, kif ukoll kif inġabar u ġie ppreżentat. Fittixna li niġbru, norganizzaw u nippreżentaw dan ix-xogħol b'mod sistematiku. Għalhekk m'hemmx riferenzi għall-gruppi differenti, imma għax-xogħol tas-sorijiet kif ġie ippreżentat.

Irridu niftakru wkoll li l-istudju li sar mis-sorijiet hu kollu fuq il-virtujiet ta' Madre Margherita, imma b'daqshekk ma jfissirx li dak li nkiteb hu dak kollu li nistgħu ngħidu. Fuq kollox is-sorijiet kkonċentraw fuq il-virtujiet teologali u kardinali; imma naturalment, is-sorijiet taw kas ukoll ta' virtujiet oħra li jidhru fl-ispiritwalità ta' Madre Margherita.

Osservazzjoni tal-aħħar. Il-virtujiet, bħalma huma l-imħabba u li tagħmel il-ġid, huma marbutin flimkien: jiffurmaw bħal organiżmu spiritwali wieħed. Fil-perspettiva nisranija, il-virtujiet tejologali joffru il-qofol tal-attività morali nisranija; janimawha u jagħtuha il-karattru li jistħoqqilha, jagħtu l-ħajja lill-virtujiet morali kollha. Imma kif nistgħu naraw, imġieba bħal din turi fl-istess ħin, li joħorġu virtujiet oħra. Għalhekk 'l hawn u 'l hinn jinstabu xi ripetizzjonijiet. Dawn il-virtujiet fil-verità juru kemm jixtiebħu u huma qrib ta' xulxin.

P. Pier Giuseppe Pesce, O.F.M.

# Il-Virtujiet Tejologali

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jippreżenta il-virtujiet tejologali hekk: "*Il-virtujiet teologali huma l-pedament tal-imġiba morali tan-Nisrani, jagħtuha l-ħajja u l-karattru tagħha. Isawru u jaħju l-virtujiet morali kollha. Jitnisslu minn Alla fir-ruħ tal-Insara biex ikollhom il-ħila iġibu ruħhom bħala wliedu u jimmeritaw il-ħajja ta' dejjem. Huma r-rahan tal-preżenza u tal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fil-fakultajiet tal-bniedem. Hemm tliet virtujiet teologali: il-fidi, it-tama u l-imħabba* "(n. 1813).

Min-naħa tagħha waqt li l-Knisja hi komunità li tgħix bil-fidi, bit-tama u bl-mħabba (cf. LG 8) il-Konċilju Vatikan II joħroġ għad-dawl ir-rabta bejn dawn il-virtujiet: il-fidi "*ddawwal it-tama u taħdem permezz tal-imħabba*" ( LG 41 ).

Fuq dawn il-premessi tejoloġiċi naraw li s-sorijiet fehmu kif Madre Margherita għexet dawn il-virtujiet teologali u laqgħu il-messaġġ li hi wasslitilhom permezz tal-ittri tagħha.



# Il-Fidi

Tabilħaqq ta' min jiftakar li *'il-fidi hija pedament tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw, hija l-prova tal-ħwejjeġ li ma narawx'* (Lhud 11,1). Daqstant huma mfakkra xi kliem li qal Ġesù: '*Għalhekk kull min jisma' dan kliemi u jagħmel li qiegħed ngħid jien, isir jixbaħ lil bniedem għaqli li bena daru fuq il-blat.*(Matt.7,24); '*Ħenjin dawk li ma rawx u emmnu'* (Gv.20,9). Dawn is-siltiet u oħrajn mill-Bibbja jfakkruna dak li jwiddibna l-appostlu Ġakbu, li l-Fidi tkun ħajja skond kemm tintwera fl-opri (cf. Ġk.2,14 ff.).

Dawn ir-riferimenti bibbliċi huma bżonnjużi biex nifhmu aħjar kif jitkellmu is-sorijiet fuq il-fidi ta' Madre Margherita.

Jaqbel li qabel xejn insemmu li fix-xogħol li għamlu s-sorijiet ma jonqosx li joħorġu xi punti ta' karattru ġenerali fuq il-virtùjiet tal-fidi. Nistgħu ngħidu fi ftit kliem: il-fidi hi l-għajn u ċ-ċentru tal-ħajja reliġjuża. Bis-saħħa tal-Fidi il-bniedem jiltaqa' m'Alla u jwieġeb min-naħa tiegħu. Bis-saħħa tal-Fidi il-bniedem jinfetaħ għat-teżori Divini, jagħraf lil Kristu u l-imħabba tiegħu. Il-fidi tgħin lill-bniedem biex jiltaqa' m'Alla f'kull ħaġa u f'kull persuna. Il-fidi hi il-konvinzjoni l-aktar profonda li nistgħu nesprimu fuq Alla.

Meta s-sorijiet jitkellmu mill-fidi ta' Madre Margherita, jagħmlu emfasi fuq il-ħafna eżempji konkreti li fihom hi wriet il-fidi tagħha matul ħajjitha u meta għexet il-virtujiet kollha. Il-fidi tagħha kienet tassew ħajja u qawwija, u dan jidher ċar mill-ittri tagħha.

Fil-fatt, meta kitbet lil waħda soru fit-3 ta' Diċembru 1931, hi stess issemmi il-fidi*: "O Fidi qaddisa! Kemm għandek x'tgħallem lil dawk li jimmeditawk bl-imħabba !"* (Ittra 147).

Kif jixhdu s-sorijiet, Madre Margherita kienet tiddedika hafna sigħat mill-jum u l-lejl titlob u tagħmel meditazzjoni, l-aktar f'riġlejn it-tabernaklu. Hu minn hemm, aktar milli mill-kotba, li flimkien ma' mħabbitha għal Alla Trinità, kabbret u saħħet il-fidi tagħha, u b'hekk il-fidi saret l-ispirazzjoni, il-gwida spiritwali u dak li kien iwiżinha ta' kuljum.

Biex nifhmu aħjar dan, ikun tajjeb li inżommu quddiem għajnejna li l-ewwel ħaġa li tgħallmet u saħħet meta kienet timmedita fid-dawl tal-fidi, u li minnu kollox kien jiddependi kienet għarfien imdawwal u profond ta' Alla, fil-qies li hu possibli għal ħlejqa umana: għarfien tal-misteru bla qies tat-Trinità tal-progett salvifiku, tal-imġieba ta' mħabba u ħniena lejn il-bnedmin.....Toħroġ biċ-ċar il-fidi tagħha fil-ħafna modi li bihom issejjaħ lil Kristu, espressjonijiet għonja u profondi li tirrepetihom, li nsibuhom mxerrdin fl-ittri tagħha u nnutawhom s-sorijiet: *"Il-Kollox hekk assolut! Tlieta f'Wieħed*" (Ittra 28); *"il-Baħar kbir ta' Mħabba, ta' mħabba infinita, ta' mħabba eterna"* (Ittra 37); "*il-Feddej divin tagħna, u Salvatur Adorabbli*" (Ittra 39); *Twajjeb Priġunier* (Ittra 49) *f'dak il-Hdan ta' Missier* (Ittra 52); *dak li minnu ġejja kull ħaġa tajba.......Missier l-aktar twajjeb, bħala s-Sid l-aktar ħanin"* (Ittra 109)...

Is-sorijiet laqgħu tajjeb dan l-argument fuq l-fidi meta ndunaw bil-mod li kienet titkellem minn Alla Madre Margherita. Hi kienet turi fidi profonda fiH, li mhux biss kien jimlielha qalbha bil-għaġeb u bl-Imħabba, imma li kienu jiffurmaw ħajjitha kollha. Biex isaħħu dan għamlu ħafna referenzi sinifikattivi.

Il-kontribut li tat Madre Margherita biex tiftiehem aħjar u tiċċara il-kariżma kongregazzjonali ġie milqugħ b'espressjonijiet ta' radd il-ħajr ta' ulied. Hu kontribut li hi kompliet toffri matul ħajjitha bl-eżempju personali u bil-ħsibijiet espressi b'insistenza ta' omm fl-ittri tagħha kif ukoll bl-inizjattivi li ħadet fis-snin twal

ta’ servizz lill-Kongregazzjoni bħala Superjura Ġenerali. B’mod partikolari, infakkru s-siġill li qiegħdet fiċ-ċentru ta’ ħajjitha l-Imħabba u l-Kult tal-Qalb Eukaristika ta’ Ġesù, l-eżortazzjoni u l-impenn li ħadet biex l-Imħabba (li kienet tfisser Ġesù) tkun maħbuba minn kulħadd u kullimkien. Tħeġġiġna biex noffru lilna nfusna ġenerożament bħala vittmi ta’ riparazzjoni għal tant offiżi kontra Alla, taghtina spinta biex issaħħaħ fina il-ħerqa apostolika u l-ftuħ għall-ħidma missionarja u tistedinna biex nassimilaw il-punti bażiċi u speċjali tal-ispiritwalità Franġiskana...

Argument ieħor li s-sorijiet semmew b’attenzjoni u sensibilta ġustifikata kien il-fiduċja inkondizzjonata li Madre Margherita kellha fil-'Providenza Divina'; fiduċja li kienet tisħaq fuqha mhux biss mas-sorelli imma wkoll ma’ oħrajn (fosthom id-diretturi spiritwali). Kienet ċerta li l-għajnuna t’Alla ma tonqosha qatt. Għal dan il-għan kienet ħaġa loġika għaliha li tabbanduna ruħha totalment, il-ħin kollu imma l-aktar f’mumenti kritiċi u problematiċi ( personali u komunitaji, materjali u spiritwali...) għall-volontà t’Alla u ma kinitx tiddejjaq tħeġġeġ lis-sorelli u lill-oħrajn biex jagħmlu l-istess.

Fuq dan hemm ħafna siltiet fil-kitbiet tagħha. Ħa nagħżlu ftit minnhom. Fis-16 ta’ April 1922 f’ittra twila lil Suor Pacifica Xuereb, Madre Margherita tiktbilha: *"O x’kalma ikollha ruħna meta tintelaq għal kura tal-ħelu Ġesù tagħna. Kif le? Jekk hu jieħu ħsieb l-għasafar tal-ajru u l-insetti tal-art, kif jista ma jgħinx u jsabbar lil għarajjes magħżulin tiegħu*?!" (Ittra 80). Fil-21 ta’ Settembru 1927, meta kitbet minn Regalbuto (Sqallija) lil Mons. Antonio Galea (li dak iż-żmien kien d-direttur spiritwali tagħha), wara li stqarret miegħu li kienet qiegħda tħossha f’art tal-missjoni u wrietu x-xewqa li jkollha sorijiet oħra biex jaħdmu hemmhekk ttemm: "*Inħallu kollox f’idejn il-Providenza Divina, li qatt ma tieqaf tgħin lil min jafda fit-tjubija tagħha*" (Ittra 20). Meta kitbet fit-28 ta’ Jannar 1930 lil professa ġdida Sr. Giuditta Zammit, fost

dak li tistedinha u tirrikkmandalha, iżżid: "*Fittex dejjem il-kumpanija ta' Ġesù fit-Tabernaklu tiegħu: minn hemm ixrob l-għajnuna, il-faraġ u d-dawl li għandek bżonn, b'fiduċja sħiħa, ppersevera u ntelaq kollok kemm int fil-ħsieb tiegħu ta' Missier*" (Ittra 128). Meta kitbet lil Mons Alfons Agius (li dak iż-żmien kien direttur tagħha) fis-7 t'Ottubru 1941 minn Marsalforn (Għawdex), fejn kienet tinsab imħabba l-mard tagħha tistqarr miegħu li tħossha f'eżilju u żżid, "*Imma tkun magħmulha, maħbuba u adorata il-volontà mqaddsa tat-twajjeb Ġesù tliet darbiet Qaddis*" (Ittra 42).

Dan l-abbandun fiduċjuż f'Alla u l-volontà tiegħu deher ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-ekonomija. Dan jidher ċar fid-"Dar tal-Adorazzjoni" Valletta (Malta) li kienet għadha kif infetħet. Madre Margherita kienet Superjura u sabet ruħha nieqsa mill-flus biex tkompli. F'ittra li kitbet fis-7 ta' Mejju 1924 lil xi wħud mis-sorelli, hi fdat magħhom: "*Il-Providenza taħseb b'mod ċar f'dawk uliedha li jafdaw fiha*" (Ittra 68). Probabbilment hi qiegħda tirreferi wkoll għal xi episodji providenzjali li jfakkruna s-sorijiet: darba waħda waslet tfajla biex tidħol soru u bid-dota tagħha setgħet tħallas ħaddiem li kien talabha biex jitħallas minnufih għal xogħol li kien wettaq; darba minn ktieb ta' Madre Margherita waqgħet lira sterlina li tatha lil koka biex setgħet tixtri dak li kien hemm bżonn; u l-vista misterjuża ta' persuna mhux magħrufa li ħalliet somma flus għal bżonnijiet tal-jum...

Jghinna, biex nifhmu aħjar l-abbandun fiduċjuż li kellha Madre Margherita f'Alla, dak li fdat ma' Mons Antonio Galea f'ittra miktuba fis-17 ta' Mejju 1923: "*Fil-preżent ma nistax nitkellem aktar ċar għaliex inħossni mgħaffġa b'piż min-naħa, u mill-oħra nħossni bħal tifla, żgħira, żgħira , ma' djul ta' Missier li l-presenza tiegħu tnessini kull diqa, u dan Miegħu biss*" (Ittra 25). Li tħossha ċkejkna, ċkejkna quddiem Alla hi dehra elokwenti u li tqanqal fl-istess ħin: tiftakar u tagħmel dan tagħha b'rejaliżmu u

umiltà, l-atteġġjament tat-trabi li, waqt li jafu li ma jistgħux jipprovdu għalihom infushom, jafdaw għal kollox fil-ġenituri.

Il-fatt li kienet tħossha "ċkejkna" quddiem Alla hi konvinzjoni radikata sew f'ruħha, tinħass fiha bosta drabi: u dan l-ispirtu għaddietu lis-sorijiet. Jiġi f'moħħna mill-ewwel il-kliem: liċ-ċkejknin Alla juri lilu nniffsu (cf. Mt 11,25) u tagħhom hi s-saltna tas-smewwiet (Mt 18,3). Din il-konvinzjoni m'għandha xejn x'taqsam ma' li ħadd iġib ruħu ta' tarbija u dan Madre Margherita tavżana dwaru: dan m'għandux x'jaqsam ma infantiliżmu psikoloġiku, imma ma' maturità spiritwali.

Madre Margherita fil-verità kienet taf li bil-qawwa tagħna biss, speċjalment f'dak li hu spiritwali, ma nistgħu nwettaq xejn tajjeb. Fis-16 ta' April 1922, f'ittra lil Sr. Paċifica Xuereb, tafferma: "*Nemmen li tinsab fil-paċi u fiduċja fil-ħsieb tal-Providenza divina, li mingħajrha ma nistgħu qatt nagħmlu ħwejjeġ tajba, la ftit u lanqas il-wisq. Għalehekk ma jkun qatt li nieqfu li nitħarġu f'dan l-att ta' abbandun sħiħ f'idejn Alla u missier tagħna*" (Ittra 80).

F'dan l-isfond ta' fidi mdawwla u kuraġġuża ma nistagħġbux nisimgħu lil Madre Margherita ttenni u tistieden lis-sorijiet jagħmlu l-istess. Il-'Fiat' tagħha ġeneruż, bla kundizzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mar-rieda t'Alla, mhux dejjem ikun jaqbel max-xewqat tagħha u dak li tkun tistenna hi. Dan il-kliem jirrifletti t-tweġiba ta' Marija ta' Nażaret lill-anġlu tat-tħabbira (cf. Lq 1,34 ff.) u jinsab ħafna drabi fl-ittri tagħha, fuq kollox fil-mumenti kritiċi u fis-sitwazzjonijiet diffiċli. U kif jixraq, is-sorijiet taw kas ta' dan, kif jidher mill-ħafna ċitazzjonijiet li għamlu. Fil-5 ta' Mejju 1922 Madre Margherita tikteb lil waħda mis-sorijiet: *"Jeħtiġilna li issa nirrassenjaw ruħna għal kulma trid minna l-Providenza divina. Intennu dejjem l-imqaddes 'Fiat'. Dan nagħmluh, iżda, bil-kuraġġ kollu u bil-ferħ, u mhux bid-dmugħ u t-*

*tnehid. Fhimtni? Ma nafdawx fina nfusna u fiduċja bla qjies fit-tjubija divina, u daqshekk! Fhimtni ?"* (Ittra 142 ). F'ittra li kitbet lis-Sor Giuditta Zammit, fit-28 ta'Jannar 1930 tgħidilha: "*Isa, tenni sew bil-qalb il-Fiat bla jekk u bla imma"* (Ittra 128).

Imma, bħal dejjem u f'kollox, kienet hi l-ewwel li għexet dan l-abbandun f'Alla, bla kundizzjonijiet. Biex nagħtu ħjiel ta' dan, fl-ittra tat-23 ta' Ġunju 1917 mibgħuta minn Korfù lil Mons Antonio Galea, wara li għarfitu bis-sitwazzjoni temmet: "*L-affarijiet l-oħra spiritwali sejrin mhux ħażin skond iċ-ċirkostanzi preżenti tax-xogħol, mard, nuqqas ta' ikel eċċ. X'tagħmel? Paċenzja u dejjem l-għażiż Fiat"* (Ittra 3).

Fl-ittra tat-30 ta' Marzu 1942 lil Mons. Alfons Agius, tgħarrfu bil-kundizzjoni dgħajfa ta' saħħitha li ġġagħalha tgħix ħajja rtirata u fl-aħħar tikteb: "*Il-Fiat l-aktar għażiż! kontinwament ningħata f'abbandun ħelu imma bla ebda sentiment speċjali"* (Ittra 49).



# It-Tama

Il-Konċilju jfakkarna li l-fidi '*tkebbes it-tama*' (LG 41). Din l-għaqda wrewha is-sorijiet meta, per eżempju, raw li t-tama tgħinnek biex tgħix il-prinċipji dottrinali u l-valuri ispirazzjonali, li l-fidi tgħaddilna u tgħallimna. F'kelma waħda t-tama tixrob u titmantna mill-fidi: tittama għax temmen; tittama f'dak li temmen.

Dan juri biċ-ċar u jiġġustifika, għaliex meta nitkellmu mit-tama fil-ħajja ta' Madre Margherita, is-sorijiet ta' spiss jirreferu għat-tama f'każijiet fejn ikunu diġa semmew il-fidi. Hu l-każ speċjalment tal-fiducja bla qies, li fiha hi tabbanduna lilha nfisha kompletament f'Alla u r-rieda tiegħu. Fil-fatt din hi karatteristika tat-tama nisranija: tistenna b'fiduċja serena u ċertezza sħiħa li meta tkun imxettla fil-fidi u f'armonija magħha, tittama li ssib il-milja, għaliex Alla hu fidil għall-kelma tiegħu (juri l-pjan tiegħu) u fil-wegħdiet tiegħu (li Hu jfittex li jwettaq).

Waqt li nżommu quddiem għajnejna l-għaqda bejn il-fidi u t-tama, kif ukoll mal-virtujiet insara l-oħra nistgħu nintegraw xi ftit id-diskors fuq it-tama ma'dak li ġibed l-attenzjoni tas-sorijiet.

Fl-ittri tagħha waqt li titkellem fuq sitwazzjonijiet diffiċli, Madre Margherita ssemmi l-kuraġġ u tirrepeti l-espressjoni tipika tagħha kuraġġ "qawwi, qawwi".

Per eżempju, meta kitbet fl-1 ta'Awwissu 1922 lil waħda mis-sorijiet li kienet għaddejja min żmien ta' skoraġġiment, Madre Margherita tistedinha: "*Aħna rridu nagħmlu kull ma nistgħu, biex imbagħad bla biża' nħallu kollox f'idejn il-Providenza divina. Għalhekk kuraġġ qawwi qawwi*" (Ittra 144). U wara li stednitha biex tkabbar bi sħiħ imħabbitha għal Ġesù, biex taċċetta s-sagrifiċċji u tintelaq fil-providenza divina, tkompli: "*Isaw 'l quddiem u kuraġġ qawwi qawwi. Mela aħna m'aħniex l-*

*għarajjes tas-Sultan tas-sema? Għaliex niddubitaw? Għaliex ma nafdawx fil-għajnuna paterna tiegħu? Oh! Kemm aħna ngrati!"* Fid-19 ta' Lulju 1942, waqt it-tieni gwerra dinjija meta l-konsegwenzi kienu jinħassu wkoll Malta, Madre Margherita tħeġġeġ lil Mons. Alfons Agius: "*Kuraġġ kbir għażiż padre, f'jasar hekk mudlam, iebes aktar minn qatt qabel, nintelqu kollha kemm aħna f'dak il-Ħdan ta' Missier, fejn jinsab dak kollu li l-imsejkna ruħ tagħna tista' tixtieq u teħtieġ*" (Ittra 52).

Naturalment, il-kuraġġ li Madre Margherita ixxettel fl-oħrajn hi stess tfittex li tqiegħdu fil-prattika. Fil-11 t'Ottubru 1921, tikteb lil Mons. Anton Galea minn Ruma u wara li tgħidlu bit-tbatijiet li għaddejjin minnhom żżid *"Fiat dejjem! Grazzi lit-Twajjeb Ġesù tagħna, qatt ma naqasna la l-kuraġġ u lanqas ir-rassenjazzjoni"* (Ittra 16).

Fil-fatt, il-ħajja ta'Madre Margherita hi mmarkata minn ħafna atti ta' kuraġġ mhux komuni.

Bla dubju l-episodju l-aktar straordinarju, li jibqa' f'moħħ is-sorijiet kien dak tal-ewwel snin tal-Kongregazzjoni għax minnu kien jiddependi il-futur tagħha. Fil-fatt, imħabba d-djun li ma rnexxilhomx iħallsu, Dun Ġużepp Diacono ddeċieda li jtemm l-opra li hu stess kien beda u jibgħat is-sorijiet d-dar. Madre Margherita kienet Birkirkara u waqt li kienet qiegħda titlob kellha ispirazzjoni biex titlaq lejn il-Casa Madre, Għawdex u kulħadd stagħġeb meta qaltlu li kienet lesta li bl-għajnuna t'Alla tieħu r-responsabbiltà tal-Kongregazzjoni u tieħu ħsieb il-problemi li kienu jeżistu. Dun Ġużepp Diacono baqa' ddissappuntat u konfus, u dan jista' jiftiehem umanament. Fost kollox Madre Margherita kienet għadha żagħżugħa u ma kellhiex esperjenza f'dan il-qasam. Imma hi, b'umiltà marbuta mal-qawwa, reġgħet tenniet li kienet lesta waqt li qeghdet it-tama tagħha fl-għajnuna t'Alla. Fl-aħħar

seħħilha tikkonvinċi lil Dun Diacono u hekk salvat il-Kongregazzjoni.

Inizjattivi oħra li juru li Madre Margherita kellha kuraġġ u kienet taf tħares fil-bogħod jidhru fil-mod li bih ittimbrat l-iżvilupp tal-Kongregazzjoni. Waqt li Dun Ġużepp kien ħaseb li jillimita l-presenza tas-sorijiet għall-gżejjer ta' Malta hi firxet ħarsitha iktar 'il bogħod. Meta l-isqof ta' Malta stedina biex tibgħat xi sorijiet Korfù biex jieħdu ħsieb l-emigranti Maltin, barra minn dak kollu li seta' jaqtalha qalbha  u l-fatt li sabet reżistenza mill-kunsill tagħha, hi ma ħasbithiex darbtejn biex tilqa' l-istedina. Kien bis-saħħa tagħha li nfetħu l-ewwel djar fl-Italja, fi Sqallija (Regalbuto u Troina) kif ukoll f'Ruma. Kien ukoll taħt l-influenza tagħha li l-Kongregazzjoni daħlet għall-attività missjunarja, meta ntbagħtu l-ewwel sorijiet fl-Etjopja.

It-tama Nisranija, waqt li ssawwab il-kuraġġ meħtieġ biex wieħed jaffronta sitwazzjonijiet mhux faċli, teżerċita ukoll il-qawwa tagħha fuq il-pjan spiritwali. U Madre Margherita dan kienet tafu sew.

Fl-umità tagħha, kienet konvinta li kienet msejkna midinba, tħossha li hi persuna ngrata lejn Alla talli ma kinetx tikkorrispondi għal tant ġid li rċeviet; imma fl-istess waqt kellha xewqa kbira li tinħeles mill-miżerja spiritwali tagħha. Għalhekk ma kinitx issib rimedju aktar żgur, milli tagħmel riparazzjoni, tafda lilha nfisha f'idejn Alla u l-ħniena bla tarf tiegħu.

Għalhekk wieħed jista' jifhem għaliex kienet tafda fuq kollox fid-diretturi spiritwali tagħha. Fl-ittra li diġa semmejna tas-17 ta'Mejju 1923 tistqarr ma' Mons. Antonio  Galea: "*Għażiż Padre, il-ħsieb tal-kont preċiż li rrid nagħti ta' ruħ ħaddiehor ibezzagħni ħafna, fil-waqt li dak ta' ruħi, msejkna u ngrata, iebes ħafna. X'għandi nagħmel għajr li nintellaq kolni kemm jien fil-ħarsien*

*patern tal-providenza divina! Neħtieg l-għajnuna, il-kuraġġ, ħalli fis nintelaq f'dak il-baħar bla tarf ta' l-imħabba divina"* (Ittra 25). Hija ssaħħaħ dan il-ħsieb fl-ittra lil Mons Alfons Agius fit-8 ta' April 1941: *'X'naqbad inwieġeb għall-ittra tiegħek? Numilja ruħi sal-qiegħ nett tal-miżerja tiegħi, mhux biss, imma ingratitudni u korrispondenza ħażina lejn Sid hekk qalbu tajba!...O Padre kemm inħossni avvelita quddiem Tjieba hekk Qaddisa, hekk għolja,eċċ quddiem Maestà hekk Divina! Kemm inħossni li jeħtieġli ninħeba, li nxejjen lili nnifsi, li nidħol fi skiet profond... Intant, għażiż Padre, itlob ħafna għaliha lit-tjieba ta' Alla, ħalli jżommni mgħannqa ma' ħdanu, biex ma naħrabx, kif inhu faċli minħabba l-ingratitudni kerha tiegħi"* (Ittra 37).

Xi drabi kienet tiftaħ qalbha mas-sorijiet. Per eżempju, lil waħda minnhom fl-14 ta' April 1946 kitbitilha: "*Jien xiħa fiż-żmien u ċkejkna fil-virtù. Emminni, għażiża tiegħi... Staqsejtni kif qed nintemm bin-nar ta' din l-imħabba ħelwa. Inwieġbek, għażiża tiegħi, li nħossni mfawra bl-amor propju emminni. Iżda ma rridx niskandalizzak, għax wisq nittama li fl-aħħar it-Twajjeb Ġesù tagħna, jagħtini l-grazzja li nintemm għal kollox; eh! eh! imbagħad jaħbini f'xi mkien sigriet (nistħi ngħid) tal-Qalb Qaddisa..."* (Ittra 151).

Din id-dieqa mqanqla ta' Madre Margherita, kif tidher minn dawn l-stqarrijiet u oħrajn jixbħuhom, kienet titqanqal minn xewqa taqbad li tikber f'għaqda mistika ma' Ġesù, l-Imħabba tagħha, li tiegħu kienet tqisha l-għarusa maħbuba. Kienet xewqa li twassalha lil hinn mill-ħajja, imxennqa għal għaqda sħiħa u dejjiema fil-ħajja ta' dejjem. Fil-fatt din hi l-oġġett essenzjali tat-tama nisranija: t-tama eskatoloġika mgħejjuna u orjentata mill-għajnuna providenzjali t'Alla.

Ħafna drabi fl-ittri tagħha Madre Margherita titkellem fuq ħajjitha bħala eżilju, "eżilju diffiċli" (cf. Ittra 42, 52, 75, 114)

Għexet dan l-għarfien f'atteġġjament ta' eqwilibru mdawwal: xewqa taqbad li tasal malajr għal dan il-għan, imma abbandun totali għar-rieda t'Alla. U dan tfissru, per eżempju, f'ittra li kitbet fl-14 ta' Diċembru 1945 mill-Casa Madre (Għawdex) lil xi sorijiet. "*Kif ser naqbad nurikom il-karattru fqajjar tiegħi, xwejjaħ u mħassar? (*qiegħda tirreferi għal kitba mhux stabbli hawn*) Eh! Twil wisq hu d-dewmien tiegħi f'dan l-eżilju. Nittama, izda, li ma jtulx wisq aktar.... B'dana kollu jiena hienja li nibqa' hawn, jekk dan jogħġob lill-Għarus l-aktar ħelu tagħna'* (Ittra 75).

Dan il-pjan ta' tħejjija spiritwali u ta' stennija fiduċjuża iqanqal lil Madre Margherita biex tfakkar lilha nfisha u lis-sorijiet fil-bżonn li tishar: ma tinkwetax dwar iz-zmien li fih ser tiltaqa' ma' Ġesù għal dejjem, waqt li tagħraf li trid tkun dejjem imħejjija. Lil xi sorijiet, f'ittra bla data tiktbilhom: "*Intant, għeżież tiegħi, kunu intom ilkoll dejjem aktar ġenerużi mal-Għarus Maħbub tagħna ħalli naslu għall-kisba sħiħa tal-perfezzjoni tagħna. Ilkoll kemm aħna noqogħdu b'għajnejna miftuħin. Għax bħal ħalliel jiġi biex jeħodna; imma billi aħna dejjem lesti, ħadd mhu ser ibeżżagħna, anzi jkun mistenni u mixtieq ...*" (Ittra 77).

Fl-istess ħin, il-perspettiva eskatoloġika ssir għal Madre Margherita stimolu moħbi biex taċċetta ġenerożament sagrifiċċi u tbatijiet f'għaqda ma' Kristu, l-ewwel batut fuq is-salib, imbagħad irxuxtat u glorjuż. Darba f'Ħamis ix-Xirka kitbet lil waħda mill-komunitajiet, hekk ħeġġithom: "*F'dawn il-jiem imqaddsa qed naraw ukoll lill-Maħbub Ġesù tagħna miksi bit-tmaqdir! Ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-Salib! X'jonqosna aktar biex neqirdu darb'għal dejjem is-suppervja, jew aħjar, neqirdu lir-reverendu amor propju tagħna? Għaldaqstant ejjew immutu mat-twajjeb Ġesù tagħna, ħalli miegħu nkunu nistgħu nqumu wkoll għal ħajja ġdida... Inħobbuh bis-serjetà u biżżejjed. Nawguralkom xi tbatijiet, ħalli tkunu tistgħu tixbħu sew lil wisq ħelu Ġesù*

*Msallab, il-maħbub tar-ruħ tagħna, biex miegħu nqumu wkoll rebbieħa għal dejjem. Amen ! Amen !''* (Ittra 79).



# L-Imħabba

Konxji mill-fatt li l-karitá hi l-akbar kmandament ta' Ġesù (cf. Mt 22,34 ff.) is-sorijiet, jgħidulna li l-karitá hi l-virtù li ssaltan l-ewwel u qabel kollox fil-moħħ, qalb u fl-imġieba ta' Madre Margherita, kif jidher ċar mid-dikjarazzjonijiet tagħhom bħala riżultat li Kristu kien dejjem fiċ-ċentru tal-ħajja tagħha nterjuri; għexet bi sħiħ l-konsagrazzjoni tagħha, billi ħabbet, serviet, adorat u onorat lill-Mulej; ħolqot għamara u dar biex Alla jgħammar fil-Qalb tagħha mhux maqsuma ma' mħabbiet oħra; kellha għaqda ntima ma'Alla li kien il-fundament tal-ħajja tagħha. L-aqwa xewqa li kellha u li fuqha bniet ħajjitha kienet "Inħobbu l-imħabba"........ Fil-fatt, il- qawwa li biha Madre Margherita titkellem dwar l-imħabba fl-ittri tagħha, u l-insistenza mill-qalb li biha hi tqanqal lis-sorijiet tagħha, huma xhieda qawwija.

Is-sorijiet ġustament jinnotaw li din iċ-ċentralità dinamika u mimlija passjoni kienet tiddependi mill-għarfien teoloġiku u ispirazzjonali li Madre Margerita kellha tat-Trinità. Dan huwa rifless ta' dak li jikteb l-appostlu Ġwanni: Alla hu l-Imħabba (cf. 1 Ġw 4,16). Għaliha Alla hu Mħabba magħmul bniedem; l-imħabba kienet għaliha kelma li tieħu profonditá bla tarf fin-natura tagħha u ddawwal l-għerf misterjuż tal-għemil tagħha. Dan ma jnaqqasx li ħafna drabi, meta kienet titkellem mill-imħabba, Madre Margherita kienet tirreferi għal Ġesù. Din fil-veritá, kienet iġġustifikata: kif jafferma San Pawl, Ġesù hu d-dehra ta' Alla li ma jidhirx (cf. Kol 1,15); u għalhekk jgħid min jara Lilu jara lil Missier (Gw 14,8 ff.).

Biex jiċċaraw din il-veritá fondamentali s-sorijiet jirreferu għal ħafna elementi konkreti li , flimkien huma sinjali ċari li jikxfu u juru din iċ-ċentralitá fil-ħajja ta' Madre Margherita.

Naturalment, u ma jistax ikun mod ieħor, kienet tirrepeti l-espressjoni simbolika tagħha, li qisha ritornell ispirazzjonali u li ssir invit urġenti: Inħobbu l-Imħabba.

Fl-imġieba tagħha ma' Ġesù, Madre Margherita tiġbed l-attenżjoni li hi konvinta li Ġesù hu Mħabba fuq numru ta' motivi li għandhom il-quċċata tagħhom f'żewġ ġrajjiet: Ġesù hu mħabba għax miet għalina fuq salib u għaliex baqa' magħna fis-sagrament tal-Ewkaristija. Dawn iż-żewġ motivazzjonijiet, li jagħtu xhieda għal mod sublimi li Ġesù hu Imħabba li tingħata, għaliha isibu tifsira fl-ikona tal-Qalb, li hi simbolu universali tal-imħabba. Fil-fatt fl-ittri tagħha spiss tirreferi għal Kristu Kurċifiss u għal Qalb Ewkaristika ta' Ġesù.

Meħuda għal kollox minn dan l-għarfien, Madre Margherita kienet dejjem attenta mill-bżonn li tħalli lilha nfisha tintrebaħ għal kollox mill-imħabba u twieġeb għal din l-imħabba malajr kemm jista' jkun; l-imħabba li titħallas b'imħabba, kienet ta' spiss ittenni fl-ittri tagħha (cf. Ittra 78, 122, 155, 161, 172...).

Milli jiftakru s-sorijiet Madre Margherita, laqgħet l-istedina biex tikkorispondi mal-Imħabba fl-aspett ta' mħabba sponsali; imħabba sħiħa, esklusiva, definittiva; imħabba li twassal għal għaqda u qsim ta' ħajja. Fil-fatt, kif deher ċar miċ-ċitazzjonijiet ta' qabel, hi kienet tqis lilha nfisha u lis-sorijiet bħala għarajjes speċjali ta' Ġesù, magħżula minnu fil-libertá kollha, bla mertu personali tagħhom. Wieħed jista' jifhem għaliex s-sorijiet urew bi sħiħ li Madre Margherita kienet mara 'nnamrata'; u għalhekk, ħadet tifsira aktar qawwija l-espressjoni li tirrepeti ta' spiss li hemm bżonn, inħobbu 'b'imħabba safja', jiġifieri bla ma nniġġsuha b'imħabbiet oħra.

Din il-viżjoni sponsali issib it-tweġiba tagħha fix-xewqa bla qies li tista' sseħħ fiha l-esperjenza ta' San Pawl: Mhux iktar jien

ngħix imma jgħix Kristu fija (cf. Gal 2,20). Dwar dan naqraw dak li fdat lil waħda mis-sorijiet fil-5 ta' Mejju 1907: *"U fejn jista' jinstab nar aktar iħeġġeġ, aktar kapaċi li jtemm kull nuqqas, jekk mhux fit-Tabernaklu? U meta jista' jkollna pussess tiegħu, jekk mhux meta jkun f'qalbna? Il-Ħelu u l-uniku maħbub ta' qalbna, Ġesù, kif ma jaħkimx u ma jtemmx lit-ruħ tagħna, meta jkun hekk qribna u magħqud magħna? Iva, iva, nagħtuh is-setgħat kollha ta' ruħna!... l-ansjetajiet kollha tagħna, immutu bħal ħamiem, milqutin mill-Kaċċatur Divin. Kemm tkun sabiħa ħajja ta' din ix-xorta! Ħajja u mewt f'ħin wieħed. Ħajja fiH u mewt għalina nfusna. X'qagħda ħienja hi din...ħajja hienja...mhux jiena li ngħix imma Kristu li jgħix fiha... hekk tista' tgħid bir-raġjun kollu ruħ ta' din ix-xorta! Iżda meta, il-maħbuba tiegħi, meta ser inkunu nistgħu ntennu dan il-kliem? Bil-mod, bil-mod u bil-mod... B'dan kollu mhux impossibli. Għal min irid kollox isir ħafif"* ( Ittra 140).

F'dan l-isfond imdawwal, li jiġbor fih dak li Madre Margherita fehmet b'Imħabba, is-sorijiet taw ħafna eżempji mill-kitbiet tagħha.

L-ewwel ħaġa li trid tiġi ċċarata hi li niskopru l-għajn li minna Madre Margherita kienet titmantna l-ħin kollu, u fl-istess ħin, l-esperjenza tal-Imħabba u t-tweġiba personali tagħha ta' għarusa nnamrata. Is-sorijiet jaqblu, u kif jixraq igħidu li l-għajn li minnha xorbot Madre Margherita, kienet it-talb.

Ta' min jiftakar li Madre Margherita kienet tiddedika l-ħin ħieles tagħha fit-talb, preferibbilment (sakemm kienet tiflaħ) quddiem it-tabernaklu jew 'fit-toqba' (kif kienet tissejjaħ) li kienet tinsab wara l-artal: kienet fil-veru sens tal-kelma ruħ Ewkaristika li sabet il-ferħ tagħha filli żżomm kumpanija lill-Għarus li kien, "il-Priġunier tal-Imħabba", kif kienet tħobb issejjaħ lil Ġesù fl-Ewkaristija.

Il-kuntatt twil u bla jaqta' ma' Ġesù Ewkaristija, kif jemfasiżżaw is-sorijiet, sawwar l-ispiritwalitá ta' Madre Margħerita fil-karatteristiċi partikolari tagħha: għamlu minnha, kontemplattiva mħeġġa, riparatriċi ġeneruża, apostlu żelanti.

Il-komponent kontemplattiv esprimewh is-sorijiet fil-mod li kienu jarawha u ddiskrivew lil Madre Margherita meta kienet tkun mitlufa fit-talb: kienet iddum żmien twil bla ma tiċċaqlaq, kienet tkun qisha kerubin, u wiċċha kien ikun miksi bid-dmugħ ... imma aktar minn hekk dan il-komponent seta' jiftiehem mill-ittri tagħha, li s-sorijiet jafuhom sewwa.

Kif wieħed jistenna fuq din l-esperjenza kontemplativa u mistika Madre Margherita kienet tiftaħ aktar (imma mhux ħafna) +-mad-diretturi spiritwali tagħha. Min dak li kienet tafda f'dawn l-ittri jidher ċar li kienet tgħix r-relazzjoni ta' mħabba ma'Ġesù f'varjazzjoni ta' stat tar-ruħ. Biex nieħdu eżempju, fost ħafna, naqraw dak li kitbet f'ittra lil Mons. Alfons Agius: "*Inħoss konfużjoni u nieqaf bil-pinna f'idi bla ma naf x'naqbad ngħid. Immur ħdejn il-Priġunier Re u ninxteħet f'riġlejh, jaqbadni l-biki, bħal niftakar l-ħtijiet tiegħi, in-nuqqasijiet kollha li jnikktu lill-Qalb tiegħu tant sensibbli!! Imbagħad nibqa' bħallikieku mejta għal madwar siegħa u aktar. Drabi oħra nisma' sejħa (mhux bil-widnejn) u mmur u jiġini li ntenni: maħbub Għarus, maħbub Għarus b'tant tnehid, eċċ. Il-qalb tkun qisha trid tinqasam!! Drabi oħra nħoss nixfa bħallikieku la hemm Ġesù u m'hemm xejn. U hekk igerrbu l-jiem f'dan it-taqbid. Nibża' biss li ma nweġibx kemm waqt il-ferħ kif ukoll waqt il-biki. Imma jien nfittex ngħaddi ż-żmien meta l-aktar jirnexxieli li noqgħod fil-ġabra qrib Ġesù għal sagħtejn, barra dawk flimkien mal-komunitá, u f'dak iż-żmien, wara att ta' adorazzjoni, eċċ. ninxteħet qrib tiegħu u skond il-ġibda tal-presenza tiegħu inħalliH jeħodni fejn, fejn irid...*" (Ittra 63).

Hekk kienet il-qagħda tagħha u għalhekk ma nistagħġbux li Madre Margherita kienet tħoss il-bżonn li tittrasmetti wkoll lill-oħrajn il-fervur kontemplativ u li tfittex bla taqta' l-intimitá ta' mħabba ma' Ġesù. Dan kienet tagħmlu mill-qalb li fih kienet tidher ukoll l-esperjenza personali. Hekk kienet tagħmel ma' Mons. Alfons Agius, kif naqraw fl-ittra tat-8 t'April 1941: *"Ah! nistħajlu li aħna qegħdin f'dak il-Baħar kbir ta' Mħabba, ta' mħabba infinita, ta' mħabba eterna! Biżżejjed hux! Kelma oħra: ninħbew, inxejnu u noffru lilna nfusna fin-nar tal-Imħabba Divina!!! fhimtni? Nittama li tifhem dak li qed ngħid issa... Oh! sigrieti moħbija...Oh! skiet!"* (Ittra 37 ).

Bl-istess mod, u aktar spiss, kienet tikteb lis-sorijiet. Fit-22 ta' Novembru 1925, meta kienet qiegħda tikteb lil waħda mill-komunitajiet esprimiet: *"Irrid, nixtieq u nitniehed għal aktar, aktar u aktar erwieħ. Agħtuni erwieħ li tabilħaqq iħobbu biss lill-Etern Mulej Alla u nkun ħienja, ħienja ħafna. Iva, inħobbu, inħobbu. Dan il-Missier tagħna l-aktar twajjeb u ta' dejjem iħobbna bla qjies minkejja li aħna ħlejjaq imsejkna u ma niswew xejn! X'jistenna minna għajr imħabbitna? Mit-Tabernaklu mqaddes jistenna l-imħabba. Jistenna dik l-imħabba li Hu jnebbaħna biha. X'irid? Irid li jkun magħruf u maħbub, maħbub, maħbub*!" (Ittra 72). Qrib il-Milied 1945, fil-kitba tagħha lil waħda mill-komunitajiet, turi t-tama li l-eżilju tagħha fuq l-art ma jtawwalx ħafna aktar: hija tkompli: *"Iżda jien hienja li nibqa' hawn jekk dan jogħġob lill-Għarus l-aktar ħelu tagħna. Dak Ġesù li qiegħed Priġunier għall-Imħabbitna fit-Tabernakli kollha tad-dinja... X'imħabba! X'eċċess ta' mħabba! Wara li sar Tarbija, jiċċekken lilu nnifsu sa ma sar ikel. Kemm għandna nkunu mġennin għal Imħabbtu! Ngħixu, ngħixu l-ħajja ta' mħabba l-aktar safja .... Nar ġie biex iġib fl-art, u ma jridx għajr li dan in-nar jaqbad..."* (Ittra 75).

Madre Margherita tfakkar aktar minn darba li l-Għarus tagħha kif ukoll dak tas-sorijiet hu Għarus Imsallab, li ta ħajtu għal dnubietna. Dan l-għarfien qanqal fiha ħafna xewqat. Per eżempju, hu qawwi fiha l-bżonn li tissaporti b'sabar u ġenerożitá dak kollu li ma jogħġobx in-natura mħassra tagħna, għejja, sagrifiċċi, ċaħda, tbatija... Dan kollu għexietu, u spiss tippreżentah f'perspettiva marbuta mal-kontemplazzjoni, li s-sorijiet laqgħuh u pprattikawh: ir-riparazzjoni għall-offiżi li Ġesù kontinwament jirċievi. Hu impenn li jimplika immolazzjoni tagħna nfusna u li f'xi mod jibdilna f'vittmi ta' sagrifiċċju.

Naturalment, Madre Margherita kienet konxja li fuq kollox, trid tagħmel riparazzjoni għan-nuqqasijiet tagħha li hi fl-umiltá tagħha kienet tħoss li kienet mgħobbija bihom. Fl-istess ħin kienet tant penetrata minn dan l-għarfien li kienet tikkonsidra li r-riparazzjoni kienet parti mill-karizma tal-Kongregazzjoni. Biex nagħtu eżempju, meta kienet qiegħda tikteb lil waħda mis-sorijiet fis-27 ta' Marzu 1938, fost ħwejjeġ oħra fakkritha li *"aħna vittmi u appostli tal-erwieħ"* (Ittra 148).

Għalhekk is-sejħat ta' spiss, l-esortazzjonijiet imħeġġa u l-inkoraġġiment matern tagħha bħalma diġa rajna minn dawn il-ftit eżempji. Lil waħda junjore, li kienet waslet għall-Professjoni Perpetwa, fl-11 Ġunju 1924 kitbitilha: *"Kuraġġ kbir ħalli f'għaqda mal-Għarus Msallab, tkun tista' tfarrġu u tpattilu, insomma ħalli fik isib il-wens"* (Ittra 69). Fit-13 ta' Marzu 1930 tfakkar lil Sor Paċifika Xuereb: "*Irridu npattu għal ħaddieħor, għandna nġarrbu dak kollu li jibgħatilna l-Maħbub l-aktar ħelu tagħna"* (Ittra 91). Fid-9 ta' Diċembru 1938 waqt li titkellem fuq l-Ewkaristija, tistieden lil waħda mis-sorijiet: *"Nifhmuh, inħalluh jagħmel minna ostji ħajjin... ostji, żgħar żgħar li bilkemm jissemmew, bla ħadd ma jfittixhom, biex ixejjinhom"* (Ittra 109). F'ittra bla data, li bagħtitha lil junjore li kienet waslet biex tagħmel il-Professjoni Perpetwa, tfakkarha li minn dak il-jum 'il

quddiem jeħtieġ tkun kollha kemm hi *"issagrifikata għall-Imħabba"* u żżid *"flimkien noffru lilna nfusna lil Imħabba kollha ħniena biex niksbu ħniena għad-dinja ngrata kollha"* (Ittra 155).

Minn dawn is-siltiet joħroġ ċar li għal Madre Margherita li xi ħadd jimmola ruħu bħala vittma biex jagħmel riparazzjoni, hija dimensjoni apostolika.

F'dan li għedna s'issa joħroġ spontanju li għal Madre Margherita kollox hu marbut mal-imħabba, b'mod doppju. Ġesù-Imħabba jitlob laqgħa u parteċipazzjoni. Jistieden għall-intimitá kontemplattiva u jqanqal lil dak li jkun biex jieħu sehem fil-missjoni tal-fidwa b'immolazzjoni riparatriċi u żelu apostoliku. U Madre Margherita tidħol b'ruħha u ġisimha fid-dinamiżmu tal-imħabba. Fil-fatt, dak li għadna għall-kontemplazzjoni u għar-riparazzjoni, jgħodd għal impenn apostoliku fil-ħafna forom tiegħu.

Bħalma ftakarna meta tkellima fuq il-fidi, is-sorijiet għarfu li kienet Madre Margherita li storikament u providenzjalment fetħet il-Kongregazzjoni għal oriżżonti apostoliċi akbar kemm fil-ħidma kif ukoll f'oqsma u missjonijiet ġodda. U bħalma wieħed jistenna jorbtu dan il-mertu għal valur-gwida tal-ispiritwalitá tagħha: l-Imħabba.

Fil-fatt, flimkien mal-espressjoni emblematika: 'Inħobbu l-Imħabba', Madre Margherita tagħmel ta' spiss żieda sinifikattiva. Skond ma tgħid hi, l-Imħabba mhix maħbuba għax mhix magħrufa. Tirtgħod meta taħseb li l-erwieħ swew id-demm ta' Ġesù (cf. Ittra 13, 57, 132, 152 ...). Għalhekk turi x-xewqa bla qies li tagħmel li jkun magħruf u maħbub minn kulħadd u kullimkien.

Wieħed jifhem din ix-xewqa tħeġġeġ għaddietha lis-sorijiet, waqt li tfakkarhom li l-apostolat hu element integrali tal-

vokazzjoni reliġjuża tal-Kongregazzjoni. Biex nieħdu ideja, naqraw x'kitbet lil grupp ta' professi ġodda fis-17 ta' Marzu 1922: *"Ingħataw kollkom kemm intom lis-Sinjur tagħna Ġesù, li qed joffrilkom missjoni għammiela minn fejn tiksbulu ħafna u ħafna erwieħ! Il-ħelu Ġesù joffrilna ħafna għelieqi x'naħdmu u x'nieħdu ħsieb. Għalhekk, nagħmlu li nistgħu biex inkunu ġenerużi miegħu. Dan billi nwieġbu għas-sejħat tiegħu ta' mħabba! Iva, intom uliedi l-aktar għeżież, li għadkom kemm ingħaqadtu miegħu bil-voti mqaddsa tħaddnu bis-sħiħ miegħu, ħalli tkunu tistgħu aktar twieġbu bil-ġenerożità u l-fedeltà lil dan l-għarus li hu ta' min jixtiequ wisq. ItolbuH nirien, nirien ta' mħabba safja, u ta'ħeġġa għall-akbar glorja tiegħu għas-salvazzjoni ta' ħafna ħafna erwieħ. Oh! Kemm erwieħ jistennew ix-xogħol tagħna, il-kelma tagħna u fuq kollox it-talb tagħna!"* (Ittra 66).

Dak li ntqal s'issa jitfa' dawl fuq il-karatteristiċi Kristoċentriċi tal-ispiritwalità ta' Madre Margherita, imma ma jgħidx dak kollu li hemm x'jingħad fuq l-imħabba u s-sorijiet jiġbdu l-attenzjoni meħtieġa fuq dan. Fuq kollox jagħtu mportanza lil żewġ elementi komplimentari u interkonnessi li għandhom il-motiv ispirazzjonali f'dawn il-kliem; *Jeħtieġ inħobbu fil-ħidma u fil-verità* (cf. Ittra 64,78,116...). *L-imħabba titħallas b'imħabba*, (cf. Ittra 78, 122, 155...) *għamlu kollox bl-imħabba, fl-imħabba u għall-imħabba* (cf. Ittra 105,114,137...).

L-ewwel element jitfisser u jirreferi għal bżonn li nkunu fidili għad-doveri marbuta mal-ħajja reliġuża, li wieħed jaċċetta bil-ġenerosità s-sagrifiċċi u ċ-ċaħdiet li huma sehem mill-esperjenza komuni, li tissaporti bil-qalb it-tbatijiet u l-mard. It-tieni element fih tifsira speċifika, l-imħabba tal-aħwa li jeħtieġ ssaltan fost is-sorijiet u fil-komunità.

F'dak li għandu x'jaqsam ma'dawn il-problemi, s-sorijiet jagħrfu f'Madre Margherita mudell eżemplari li minnu jistgħu

jispiraw ruħhom. Fl-istess ħin jiftakru fis-sejħat persistenti u l-eżortazzjonijiet ħerqana tagħha. Nistgħu nagħtu ideja ta' dan billi nikkwotaw xi kitbiet.

Fl-4 ta' Novembru 1920 Madre Margherita tħeġġeġ sorella biex taċċetta tibdil: "*Agħmel il-ħila u imxi 'l quddiem, it-twajjeb Ġesù tagħna mhux ser jintrebaħ fil-ġenerosità Tiegħu. Jekk inti tkun fidila u mseddqa fil-ħidma tiegħek, Hu jgħinek fil-waqtiet u l-ħtiġijiet kollha li jkollok bżonn. Inħobbu l-Imħabba, tfisser, insofru għall-Imħabba. Jiġifieri nkunu dejjem hienja u lesti ħalli meta jkun il-waqt, ngħakksu l-amor propju tagħna, biex inkunu nistgħu noffru lill-Imħabba ħatab tajjeb biex ikun ikkunsmat,eċċ*" ...(Ittra 141). Fit-2 ta'April 1933 lil Sor Dionisia Thomis, maestra tan-novizzi f'Ruma, tħeġġiġha b'dan il-mod: "*Iva maħbuba tiegħi, agħmlu minn kollox biex tgħallmuhom jimmeditaw tajjeb il-Passjoni Imqaddsa u l-Mewt tal-aktar ħelu Għarus Imsallab tagħna, biex jifhmu sewwa l-veru sens tal-Imħabba pura eċċ...eċċ... Imbagħad jitgħallmu l-umiltà vera u profonda l-ubbidjenza perfett, eċċ...eċċ...eh! Kemm ħabbna! Kemm ippreferina!! Ladarba Hu għażilna minn fost eluf u eluf ta' oħrajn, aktar denji minna...*" (Ittra 116). Fis-7 t'Awwissu 1944 hi tikteb lil komunità ta' Ruma dan il-kliem: "*Fis-sewwa kollu, għeżież uliedi, fis-sagrifiċċju wieħed juri l-imħabba. Ifraħ mela li b'dawn il-provi iebsa, intom tistgħu tagħmlu Lilu hieni bil-ġenerosità tagħkom...*" (Ittra 74).

F'dan l-isfond globali Madre Margherita tirreferi għall-bżonn tal-imħabba tal-aħwa li fil-ħajja komunitarja tista' tgħixha b'ħafna modi. Dan hu bżonn fil-prinċipju, imma xi drabi joħloq problemi fil-ħajja ta' kuljum.

F'dan ukoll Madre Margherita tagħtina eżempju, kif jidher ċar mill-ittri tagħha, turi mħabba materna għas-sorelli kollha u ssegwihom b'interess waqt li tinkoraggihom. Għalhekk ma

nistagħġbux li kienet tiġbdilhom l-attenzjoni fuq dan l-argument. Biex nieħdu eżempju, qabel ma spiċċat minn Superjura Ġenerali, fit-13 ta' April 1923 hekk tikteb lil komunità: "*Imma m'inhix ser nieqaf, meta nkun f'kariga oħra, milli nħeġġiġkom ħalli tkunu umli, ġwejda, tafu ċċedu, u li tħobbu lil xulxin. Iva, għeżież tiegħi iva, ngħinu dejjem lil xulxin ħalli nġorru l-piż ta'xulxin ħalli l-Mulej jogħġbu jgħaqqadna b'rabta ta' mħabba fraterna u f'imħabba safja fil-waqt li ngħakksu dak il-jien kattiv u malizzjuż tagħna... fhimtuni?*" (Ittra 67).

Kif jiftakru s-sorijiet, Madre Margherita kienet tinsisti fuq dan l-argument meta, bħala Superjura Ġenerali, kienet iżżur il-komunitajiet, u tħallilhom ukoll xi rikkmandazzjonijiet. Ħa naraw silta li kellha x'taqsam ma' problema speċifika: *"Nitlobkom f'isem l-imħabba, li tevitaw li titkellmu ma' xulxin mid-difetti tas-sorijiet li xi drabi nissusspettaw aħna jew li jsemmuhom l-oħrajn. Oqogħdu attenti fuq dan il-punt delikat, li jista' joħloq ħsara u nuqqas ta' qbil ... Aħna kollha dgħajfa, malajr naqgħu, nistgħu niżbaljaw: għalhekk infittxu li ngħattu d-difetti li naraw f'ta' madwarna"*(V 17).



# Il-Virtujiet Kardinali

Fl-introduzzjoni tad-diskors fuq il-'virtujiet umani' tal-Katekiżmu Kattoliku hemm miktub hekk: "*Erba' virtujiet għandhom ix-xogħol ta' kardinali. Jissejħu hekk għax kardini bit-Taljan tfisser ċappetti li fuqhom jistrieħu l-oħrajn li huma il-prudenza, il-ħaqq, il-qawwa u t-temperanza"* (n. 1805).

Dawn il-virtujiet jisseħħu "umani" għaliex msejsin fuq in-natura umana u għalhekk komuni għal kulħadd. Xogħolhom hu li jieħdu l-valuri umani u jużawhom skond il-bżonn tal-iżvilupp tal-ħajja tal-bniedem biex jagħmluh aktar bniedem awtentiku.

Fl-istess ħin ta' min jiftakar li fil-perspettiva Nisranija l-virtujiet kollha (tejologali u morali, insara u umani) neżerċitawhom taħt it-tqanqila tal-grazzja divina. Dan kienet tafu sew Madre Margherita, bħalma jidher minn ittra li bagħtet fis-7 ta' Jannar 1930 li waħda mis-sorijiet: "*Eh, binti, ir-rikmandazzjonijiet tiegħi huma dejjem l-istess. Kun ċkejkna, iċċekken; ħalli l-ħelu Ġesù jaħdem fik kif jogħġbu. Oqgħod attenta li ma ttellifx l-azzjoni tiegħu, imma li timxi magħha ġenerożament u fedelment, bla imma u bla jekk. Ftehemna?* (Ittra 146).

Bħall-virtujiet tejologali, il-virtujiet kardinali jiġu waħda wara l-oħra għax għandhom ir-rabta loġika tagħhom. Il-prudenza tiġi l-ewwel għax xogħolha hu li tqies sewwa kull għażla li twettaq biex l-għażliet ikunu tajbin u retti; warajha jiġi l-ħaqq li xogħlu hu li dejjem jżomm quddiem għajnejh ir-rispett tad-drittijiet tal-oħrajn; wara tiġi l-qawwa li tagħti l-enerġija li hemm bżonn biex niffaċċaw id-diffikultajiet u l-ostakli li spiss niltaqgħu magħhom meta nagħmlu l-għażliet tagħna; fl-aħħar it-temperanza tgħinna biex inżommu taħt kontroll it-tendenzi disordinati u r-resistenzi differenti li kollha kemm aħna nesperimentaw u li huma ta' xkiel għall-koerenza operativa u l-perseveranza fit-tajjeb.

Fuq din il-premessa essenzjali, naraw kif is-sorijiet raw dawn il-virtujiet fil-ħajja ta' Madre Margherita u l-kitbiet tagħha.



**Il-Prudenza** **Il-Qies** **Il-Qawwa** **Il-Ħaqq**

# Il-Prudenza

Is-sorijiet sabu fil-ħajja ta' Madre Margherita episodji sinifikattivi li fihom jaraw l-eżerċizzju tal-virtù tal-prudenza bħala dixxerniment għaref u gwida żgura fl-għażliet validi.

Fl-ideja tagħhom, Dun Ġużepp Diacono għażilha segretarja tal-istitut li kien għadu kif twieled, minkejja li kienet għadha żagħżugħa, għaliex ra li kienet persuna matura u tixraq biex twettaq dan l-uffiċċju delikat u mportanti, li fost kwalitajiet oħra kellu bżonn li tkun persuna ekwilibrata, taħsibha sew qabel tiddeċiedi. U dak li ġara wara, tah raġun.

Tassew din il-kapaċità li taf tiddixxerni tajjeb, fid-dawl tal-fidi, Madre Margherita urietha bl-eżempju tagħha fis-snin twal tas-servizz tagħha fil-Kongregazzjoni kemm bħala Superjura Ġenerali kif ukoll bħala membru tal-Kunsill. Fil-fatt li l-għażliet li għamlet kienu maħsubin tajjeb u jħarsu 'l quddiem jidher mir-riżultati li kisbet: in-numru dejjem jikber ta' vokazzjonijiet, it-tkabbir tal-opri tal-karità u apostoliċi, il-fatt li l-Kongregazzjoni ħarġet mill-gżejjer ta' Malta u l-ftuħ missjunarju...

Tal-istess importanza hi r-referenza għall-imġieba ta' Madre Margherita mas-sorijiet, li tidher ukoll mill-ittri tagħha. Hi kienet turihom imħabba ta' omm li kienet tinteressa ruħha mill-bżonnijiet tagħhom; hi qatt ma naqset li tagħtihom pariri u tinkoraġġihom b'ħafna ħlewwa u delikatezza. Min-naħa tagħhom is-sorijiet kienu iwieġbu b'imħabba u kunfidenza ta' ulied, stima u rispett, fiduċja u rikonoxxenza.

Din ir-relazzjoni qawwija u kostanti tidher mill-mijiet ta'ittri li Madre Margherita kienet tibgħat lis-sorijiet u li s-sorijiet żammew u kkonservaw b'tant għożża. U f'dawn l-ittri, tfakkarhom, tistedinhom u tagħtihom parir li jaġixxu bi prudenza, bl-attenzjoni li għandhom bżonn u wara li jaħsbuha tajjeb. Per

eżempju, fl-ittra tas-6 t'Awwissu 1924, li kitbet lis-Sor Paċifika Xuereb, li kienet nnominataha superjura tal-komunità ta' Troina (Sqallija), tgħidilha: "*Nifraħlek tal-missjoni ġdida li nagħtatlek. Qis li taħdem sewwa u bil-prudenza f'dan il-qasam, imma fl-istess waqt bi spirtu kollu kemm hu serafiku u evanġeliku"* (Ittra 85). Fl-ittra tat-28 ta' Lulju 1939, li kitbet lis-Sor Luisa Busuttil, superjura tal-komunità ta' Ruma, tiġbed l-attenzjoni għall-imġieba negattiva ta' xi sorijiet u żżid: *"Imsieken hemm bżonn li wieħed jitlob għalihom ħafna, għax xi minn daqqiet isibu ruħhom fil-periklu meta lanqas li jistennewh! Donnok tistħajlu li qiegħed kullimkien, u għalhekk, hemm bżonn li nkunu serji, prudenti u beżgħanin, aktar milli kuraġġjużi"*... (Ittra 110). F'ittra bla data liż-żagħżugħa Sor Rosaria Sotera tittrakkmondalha: *"inħoss li inti għandek tkun qaddisa ċkejkna ċkejkna, għalhekk għandek toqgħod attenta li tikkorrispondi sew għall-ispirazzjonijiet ta' Ġesù. Ftehemna ?...Tifhimni?* (Ittra 125).

Din il-kwalitá speċjali ta' kunsilliera għarfa ttenniha Sor Pacifica Xuereb fil-kitbiet tagħha: "*Kellha kelma tajba għal kull waħda minna, tant hu hekk li kulħadd kien jiftaħ qalbu magħha u hi kienet tagħti pariri siewja, pariri spiritwali li kull minn kien imur għandha qalbu kienet tintela bis-sliem".*



**IL-PRUDENZA**

Ta' min jiftakar ukoll li mis-60 ittra li kitbet lid-diretturi spiritwali, Mons. Antonio Galea u Mons. Alfonso Agius jidher li Madre Margherita kienet titlob il-pariri tagħhom, u dawn kienet tagħti ħafna każhom biex tifhem aħjar kif tgħix il-ħajja spiritwali tagħha u biex tkun dejjem fidila lejn Alla.

# Il-Haqq

Il-Virtù tal-Ħaqq kif nafu, tirrispetta d-drittijiet tal-oħrajn, bżonn li jidher ċar f'din il-formula: agħti lil kulħadd dak li jistħoqqlu u l-ewwel persuna li trid tiġi rrispettata hi Alla nnifsu. Dan nafuh mit-tweġiba ta' Ġesù lill-Farisej fuq jekk għandhomx iħallsu t-taxxa lil Ċesri: 'Agħtu lil Alla dak li hu t'Alla.' (cf. Matt 22,15ff.).

Hu b'mod partikulari dwar dan l-aspett tal-problema, li s-sorijiet jitkellmu dwar il-Ħaqq fil-ħajja ta' Madre Margherita. U dan hu mportanti għax jgħinna nifhmu aħjar fl-iskop kollu tagħha r-referenza kontinwa għar-rieda t'Alla. Fil-fatt għaliha li tagħmel ir-rieda t'Alla kien bżonn assolut li ma setgħet qatt tikser: ir-rieda t'Alla kienet tilqagħha bla 'jekk' jew 'ma' ukoll meta dan ma kienx jaqbel ma dak li stenniet hi u kien jitlob sagrifiċċi u ċaħdiet.

Meta tkellimna mill-Fidi tagħha, naraw li tagħmel ħilitha biex ixxettel din id-disposizzjoni fis-sorijiet: l-aktar, il-korrispondenza għall-imħabba li biha Alla jieħu ħsiebna u l-abbandun fiduċjuż fil-providenza tiegħu. Meta nirreferu għall-ħaqq dawn iwettaq l-għanjiet li jinponu dan il-bżonn.

Dwar dan ta' min iżomm f'moħħu kif Madre Margherita kienet issejjaħ lit-Trinità u x'kienet tifhem bl-espressjoni Alla-Trinità. Niftakru f'dawk li ssemmew meta tkellimna fuq il-fidi, sinjal tal-mistiċiżmu qawwi u penetranti tagħha, barra dawn Madre Margherita żżid oħrajn: Alla hu Ħallieq u Mulej, imma wkoll Sid. Żgur li Alla hu Padrun manswet (cf. Ittra 109) u twajjeb (cf. Ittra 137) imma wkoll assolut: Għalhekk irridu nbaxxu rasna u nobduh dejjem. Ħa naqraw x'kitbet f'ittra bla data lis-Sor Rosaria Sotera: "*Għażiża binti, it-twajjeb Ġesù jagħżel lil min irid. Hu s-Sid assolut tal-ħlejjaq tiegħu;, iżda gwaj jekk dawn ma jkunux fidili fil-korrispondenza għall-pjanijiet tiegħu"* (Ittra 125).

Nistgħu naslu biex nifhmu li għal Madre Margherita dan ma kienx ifisser korrispondenza servili, li tasal għaliha mħabba l-biżgħa jew għax jaqbillek, imma korrispondenza ta' filjali, imnebbħa minn imħabba mdawla u rikonnoxxenti. Fil-fatt, hu f'dan il-binomju 'ħaqq-imħabba' li fih titqiegħed u tiftiehem is-sejħa ta' Madre Margherita għal fedeltá ġeneruża u perseveranti.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-ġustizzja fl-imġieba personali, minn informazzjoni li ġbarna minngħand is-sorijiet li kienu jafu lil Madre Margherita, ħareġ li hi kienet tittratta lis-sorelli kollha bl-imħabba, mingħajr preferenzi u meta kienet tmexxi l-Kongregazzjoni kienet tieħu deċiżjonijiet wara li kienet titlob fuqhom u tikkonsulta il-Kunsill tagħha u kienet tqishom ġusti u li tista' twettaqhom.



**IL-ĦAQQ**

# Il-Qawwa

Aħna ġa innuttajna l-frażi li Madre Margerita kienet tirrepeti spiss lilha nfisha u lill-oħrajn: kuraġġ qawwi, qawwi. U ma nistagħġbux li waqt li nitkellmu mill-kuraġġ qawwi fli taffronta sitwazzjonijiet diffiċli, is-sorijiet kienu jqabbluha ma' mara ta'ħila li jitkellem minnha il-ktieb tal-Proverbji (cf. Pro. 31,10ff.). Fuq dan, isemmu xi ġrajjiet sinifikattivi f'ħajjitha b'ammirazzjoni.

Per eżempju, jfakkru l-kuraġġ li bih Madre Margherita tgħid lil Dun Ġużepp Diacono li hi lesta, bl-għajnuna t'Alla, li tieħu r-responsabbiltá tal-Kongregazzjoni li hu ried itemm. Is-sorijiet ftakru wkoll fil-kuraġġ li bih laqgħet l-ewwel missjoni f'Korfù, waqt li għarfet l-iskumditajiet u d-diffikultajiet kbar ekonomiċi li s-sorijiet kienu ser jiltaqgħu magħhom. Skumditajiet u diffikultajiet li hi stess tkellmet minnhom fl-ittri li kitbet minn Korfù lil Mons. Antonio Galea. Sitwazzjoni oħra tixbaħha kienet il-ftuħ tad-dar tal-Adorazzjoni fil-Belt Valletta (Malta) li hi tant xtaqitha u li rnexxielha tirbaħ il-biżgħa u r-reżistenza li għamlilha l-Kunsill tagħha.

Is-sorijiet tkellmu wkoll mill-kuraġġ ta' Madre Margherita fli taċċetta t-tbatijiet u l-limitazzjonijiet li nħolqulha mħabba l-mard tagħha li żdid aktar fl-aħħar snin ta' ħajjitha. Anzi urew kif propju meta ma setgħet tagħmel xejn iżjed, u kienet tiddependi għal kollox mis-sorijiet għall-bżonnijiet personali, li tat eżempju ta' qawwa fil-paċi u s-sabar.

U kif kien jixraq is-sorijiet staqsew minn fejn ġabet dan il-kuraġġ u l-qawwa biex taffronta dan it-taqbid u d-diffikultajiet differenti li mlew il-ħajja kollha tagħha. U kif kien mistenni, ma damux ma sabu t-tweġiba: il-kuraġġ u l-qawwa Madre Margherita kienet iġġibhom mit-talb. Biex nagħtu eżempju, f'ittra tas-17 ta'

Mejju 1923 lil Mons. Antonio Galea, stqarret li għalkemm kienet qiegħda tagħmel irtir:

"*kienet tħossha kollha kemm jiena mgħaddsa fil-ħsibijiet tal-uffiċċju. Eh! Għażiż Padre, il-ħsieb tal-kont preċiż li rrid nagħti ta-ruħ ħaddieħor, ibeżżagħni ħafna, filwaqt li dak ta' ruħi, imsejkna u ngrata, hu iebes ħafna. X'għandi nagħmel għajr li ninteļaq kollni kemm jiena fil-ħarsien patern tal-Providenza Divina! Neħtieġ l-għajnuna, il-kuraġġ, ħalli fis ninteļaq f'dak il-Baħar bla tarf tal-Imħabba Divina. Fil-ħdan ta' Missier, fejn jinsab dawl, sfiq u faraġ biex nersaq qrib u nterraq dejjem 'il quddiem 'il quddiem...*" (Ittra 25).

Bħas-soltu, is-sorijiet jinnotaw li l-kuraġġ qawwi li kellha Madre Margherita f'ħajjitha hi dejjem fittxet li tgħaddih lill-oħrajn. Naqraw per eżempju, kif f'ittra tal-5 ta' Mejju 1922 tqawwi qalb soru:

"*Jeħtiġilna li issa nirrassenjaw ruħna għal kulma trid minna l-Providenza divina. Intennu dejjem l-imqaddes Fiat. Dan nagħmluh, iżda bil-kuraġġ kollu u bil-ferħ, u mhux bid-dmugħ u t-tnehid. Fhimtni? Ma nafdawx fina nfusna u fiduċja bla qjies fit-tjubija divina, u daqshekk! Fhimtni? Iżda jeħtieġ li nitqabdu man-natura tagħna u max-xitan, li bil-pariri tiegħu ma jagħmilx ħaġ'oħra għajr inissel nuqqas ta' fiduċja u taqtigħ il-qalb, eċċ. Għalhekk agħmel kuraġġ u tkunx qisek xi tifla żgħira. Ġib ruħek ta' għarusa ħabrieka billi tinteļaq kollok kemm int f'dan il-Għarus ħelu, u jkunlek biżżejjed. Ma rridx nisma' aktar bid-dmugħ tiegħek jiġifieri, ma rridekx tibki aktar fuq dawn l-affarijiet, imma ibki aktar minħabba n-nuqqasijiet lejn il-ħelu Ġesù. U fil-moħbi, bla ma jkun qatt li tidher imnikkta jew bla kuraġġ. Jekk tħoss ruħek hekk, mur malajr ħdejn it-twajjeb Ġesù, Priġunier ta' mħabba, u minn ħdejh toħroġ mimlija kuraġġ u qawwa; dan iżda jseħħ, skond id-dispożizzjoni u l-korrispondenza tiegħek. Kun għalhekk*

*ġeneruża billi tintelaq f'idejh, u żomm sħiħa l-fiduċja u ibqa' żgura li jingħatalek dak kollu li jkollok bżonn!!!* Ipprova u tara" (Ittra 143).



**IL-QAWWA**

## IL-QIES

Nistgħu nibdew dan is-suġġett billi nikkwotaw lill-apostlu Pawlu kif rreferew għalih is-sorijiet: *"Imma Alla għażel in-nies boloh għad-dinja biex iħawwad l-għorrief; għażel id-dgħajfa tad-dinja biex iħawwad il-qawwija; għażel il-mistmerra mid-dinja, u n-nies li ma huma xejn, biex iġib fix-xejn 'il dawk li huma xi ħaġa. Hekk ebda bniedem ma jkun jista' jiftaħar quddiem Alla".* (1 Kor. 1,27ff.). Fil-fatt dawn il-kliem jistgħu jintuża biex infissru l-virtù tal-qies. Dan tikkonfermahulna wkoll Madre Margherita bl-eżempju tagħha.

Billi kienu jafu tajjeb il-ħajja tagħha, is-sorijiet urew li Madre Margherita fehmet, għexet u stiednet lil min jgħix din il-virtù fuq żewġ livelli komplimentarji. Mortifikazzjoni tal-ġisem u kontroll, skond l-espressjoni tipika tagħha, kontroll tan-"natura mħassra."

F'dak li għandu x'jaqsam mat-tgħakkis tal-ġisem, għandna stampa ċara. Madre Margherita mhux biss kienet issum spiss, imma kellha d-drawwa li timmortifika ruħha mill-ikel, kważi qatt ma kienet tiekol laħam, kienet tieħu l-aħħar u tikkuntenta b'dak li jibqa', tiġbor il-biċċiet tal-ħobż niexef u tieklu... barra minn dan kienet tilbes iċ-ċilizju fuq il-laħam u kienet spiss tagħmel id-dixxiplina.

Daqstant serju u dejjiemi kien l-impenn tagħha biex tikkontrolla l-influenza ħażina ta' dak kollu (sentimenti, drawwiet, xewqat, ġibdiet...) li ġejjin min-natura mħassra. Dan nistgħu nintebħu bih mill-ittri tagħha għax nafu li meta kienet titlob xi ħaġa minn xi ħadd kienet tkun hi li tagħmlu l-ewwel. Nistgħu nieħdu xi ftit eżempji.

Fl-ittra tal-5 ta'Diċembru 1924 miktuba lill-komunitá ta' Troina (Siċilja) naqraw: *"Jeħtieġ li kull ħin nitqabdu kontra n-natura mħassra tagħna. Jeħtieġ li dejjem nissagrifikaw ruħna.*

*Niċċaħħdu dejjem mis-sodisfazzjonijet tagħna, mix-xejriet ħżiena tagħna. Ma rridu nċedu qatt għall-fehmiet tagħna umani, u lanqas għat-tqanqil tal-ġisem. Qalbna u ħsibijietna dejjem 'il fuq u qatt lejn il-ħwejjeġ tad-dinja. Sakemm nistgħu bil-għajnuna tal-grazzja divina, inħarsu dejjem 'il fuq lejn il-quċċata tal-Etna, aktar 'il fuq, aktar 'il fuq"* (Ittra 71). F'ittra miktuba fl-istess jum lil Sr. Paċifika Xuereb naqraw: *"Naħdmu dejjem kontra n-natura, nikkumbattu mal-egoiżmu tagħna u daqshekk, b'hekk ikollna ħidmiet kontinwi u li jibqgħu. Fhimtni? Kuraġġ u nimxu dejjem 'il quddiem"* (Ittra 86).

F'ittra oħra bla data li kitbet lill-istess soru naqraw: "*Għall-grazzja t'Alla ninsabu lkoll f'saħħitna, hienja, nitqabdu mal-amor proprju tagħna... X'jidhirlek? Dejjem l-istess taqbida, bla mistrieħ, bla waqfien. Dejjem trid tagħmel il-kontra. Hux veru? Inti x'tagħmel ħalli tirbaħ? Kif tmur fit-taqbida? Eh, daqqa minn fuq u oħra minn taħt. Sabar u umiltà dejjem."* (Ittra 102). Fil-11 ta' Jannar 1934 kitbet lil Sor Geltrude Gatt u ħeġġitha: "*Għalhekk nipprofittaw ruħna mill-okkażjonijiet kollha biex niżżejnu bl-imqaddsa virtù; qabel kollox inbaxxu s-suppervja tagħna, li hi l-akbar għadu rieqed tagħna; imbagħad distakk sħiħ mill-ħwejjeġ kollha tal-art, l-aktar tal-frugħa, mhux biss fina iżda wkoll fil-ħwejjeġ u fil-persuni li jersqu lejna. Kif ngħidu fil-Vestizjoni u fil-Professjoni: Id-dinja hija msallba għalina u aħna għad-dinja. Ifisser li d-dinja ma jkollha ebda qawwa fuqna* (Ittra 126).

Konferma oħra ta' kif Madre Margherita kienet tgħix il-virtù tal-qies tinstab f'dak li kitbet Madre Nazarena Gouder, li kienet tafha tajjeb: *"Madre Margherita kienet sid tagħha nfisha. Qatt ma ħalliet li jidher fiha xi nuqqas ta' sabar jew xi rabja, imma kienet iġġib ruħha ma' kulħadd bl-istess mod. Kemm ma' dawk li kienu juruha rispett, kif ukoll ma'dawk li kienu jippersegwitawha. Anzi ma' dawn tal-aħħar il-Madre kienet turi iżjed ħlewwa u meta kienet tirċievi xi dispett minn xi waħda minn dawn is-sorijiet u*

*kienet tħossha umiljata, kienet tfittex li tiddefendiha titkellem tajjeb minnha, tiskużaha u tikkunpatiha".*

Biex nifhmu aħjar l-imġieba tagħha u dak li kienet titlob missorijiet, ikun tajjeb li ngħaqqdu il-qies mar-riparazzjoni li hi element mill-ispiritwalità u l-kariżma tal-Kongregazzjoni li diġa tkellimna fuqha.



**IL-QIES**

# Virtujiet Oħra

Ħa niġbru fil-qosor xi virtujiet li għenu biex joħorġu aktar l-ispiritwalità ta' Madre Margherita u li s-sorijiet ġibdulna l-attenzjoni fuqhom.

## It-Talb



Ninnutaw l-ewwel u qabel kollox, ir-referenza għat-talb għax din hi espressjoni tal-virtù tar-reliġjon li hi komponent integrali tal-virtùjiet kardinali tal-ħaqq.

Aħna diġa tkellimna aktar minn darba mill-post u l-importanza tat-talb fil-ħajja ta' Madre Margherita. Hawn niftakru f'xi temi Kristoloġiċi tat-talb ta' Madre Margherita li ġibdu l-attenzjoni tas-sorijiet.

Bi qbil perfett mal-ispiritwalità Franġiskana, Madre Margherita kellha ġibda speċjali li tiċċentra l-meditazzjoni tagħha fuq il-misteru tal-imħabba kif jidher Ġesù f'Betlemm, fi żmien il-Milied, u fuq il-Kalvarju fiż-żmien il-Passjoni. Dawn il-ġrajjiet li fihom kienet timmedita li Alla li sar bniedem għall-imħabba,

ingħata fl-umiltà, fil-faqar u għall-mewt għal imħabbitna, kienu iġagħluha tistagħġeb.

Minn kif tikteb fl-ittri tagħha jidher ċar li dawn il-ġrajjiet kienu xxettlu bi sħiħ f'moħħha u f'qalbha u li kienu jinfluwenzawlha ħajjitha. U dan jurina għalfejn tħajjar lis-sorijiet tagħha ta' spiss u b'qawwa kbira biex jagħmlu hekk huma wkoll. Nistgħu nieħdu żewġ eżempji.

F'ittra bla data, indirizzata fi żmien il-Milied lin-novizzi ta' Ruma, titlobhom u tħeġġiġhom bi sħiħ: "*Kelmtejn lilkom ilkoll. F'dawn il-jiem qaddisa mhix tissemma' ħaġa oħra għajr l-Imħabba, Imħabba, Imħabba. U għaliex le? Kif le, jekk Alla sar bniedem għall-imħabba?? Dak li hu infinit fil-kobor tiegħu, fil-Maestà, eċċ. tneżża' minn kollox u sar Tarbija ċkejkna... u għaliex? Għall-imħabba lejn il-bniedem ingrat. X'nistgħu ngħidu aktar? Aħjar li wieħed jidħol f'silenzju profond ta' adorazzjoni... Imbagħad billi jħobb, iħobb, u iħobb... L-imħabba titħallas b'imħabba. Għalhekk, għeżież tiegħi, inħobbuh bl-għemil u bil-verità, u daqshekk... Fil-Presepju, quddiem Alla Bambin, wieħed jitgħallem iħobb! Għalhekk inħallikom fil-kumpanija ta' dan il-Mudell hekk ħelu, filwaqt li nawguralkom li ssiru kopja eżatta u perfetta tiegħu*" (Ittra 78).

F'ittra bla data li bagħtet f'Ħamis ix-Xirka lil waħda mill-komunitajiet, tikteb: "*F'dawn il-jiem imqaddsa qed naraw ukoll lill-maħbub Ġesù tagħna miksi bi tmaqdir! Ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-Salib! X'jonqosna aktar biex neqirdu lir-reverendu amor propju tagħna? Għaldaqstant ejjew immutu mat-twajjeb Ġesù tagħna, ħalli miegħu nkunu nistgħu nqumu wkoll għal ħajja ġdida... Inħobbuh bis-serjetà u biżżejjed*" (Ittra 79).

Iċ-ċentralità tal-Milied u tal-Kalvarju fl-ispiritwalità ta' Madre Margherita tispjega wkoll kif diġa fakkarna, l-għażla

ewlenija tagħha għall-Ewkaristija u d-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù. Għaliha kienu sejħat irreżistibbli għall-misteru tal-imħabba kif jidher f'Ġesù f'dawn iż-żewġ ġrajjiet li fihom hemm miġbura il-ħajja tiegħu fuq din l-art. Għalhekk ma tgħejjix tfakkar lis-sorijiet fl-ittri li tibgħatilhom biex jishru f'riġlejn it-tabernaklu u ikebbsu mħabbithom mill-forn ta' mħabba taqbad tal-Qalb ta'Ġesù.

# L-Umiltà

Hu fuq dan l-isfond kristoloġiku li issa nistgħu naraw il-virtujiet oħra ċari u preċiżi li sabu s-sorijiet f'Madre Margherita: l-umiltà, il-faqar, l-ubbidjenza. Huma virtujiet importanti għal żewġ raġunijiet: huma komponenti tal-ispiritwalità franġiskana. Barra minn hekk il-faqar u l-ubbidjenza, flimkien mal-kastità huma l-voti li jipprofessaw r-reliġjużi.

Il-ħajja profonda ta' talb li għexet Madre Margherita wasslitha għal għarfien progressiv esperienzjali ta' Alla; fl-istess ħin, l-għarfien tat-traxxendenza infinita, tal-kobor bla qies t'Alla, tal-qdusija bla tarf, żammha dejjem fi stat profond ta' umiltà.

Is-sorijiet jagħtu attenzjoni speċjali lil din il-virtù ta' Madre Margherita u jaraw  l-mġieba tas-soltu tagħha 'l bogħod minn kull forma ta' vanità u pretenzjoni. Fost affarijiet oħra Madre Margherita qatt ma semmiet, il-mertu storiku, li kienet hi li salvat il-Kongregazzjoni milli tisfaxxa kif kien diġa ddeċieda Dun Ġużepp Diacono.

Ma jonqsux referimenti u episodji partikolari. Per eżempju, fis-silta li diġa semmejna, Madre Nazarena Gouder tgħidilna li Madre Margherita kienet iġġib ruħha bl-umiltà quddiem xi sorijiet li kienu jopponuha, u kienet tfittex li tiskużhom.

Eżempju ieħor sinifikattiv, joħodna lura għal dak li ġara fil-kapitlu Generali ta' Mejju 1923. Is-sorijiet kienu marru kontra dak li qalilhom l-isqof biex ma jerġgħux jivvutaw lil Madre Margherita bħala Superjura ġenerali; L-isqof qal li dik l-elezzjoni ma kinitx valida u u nqalgħet konfużżjoni; f'dak il-mument, Madre Margherita niżlet għarkobbtejha umilment quddiem l-isqof u talbitu maħfra f'isem is-sorijiet, u lilhom qaltilhom biex ma jaħsbux aktar fiha. U hekk ġara.

L-umiltà ta' Madre Margherita kellha l-għeruq tagħha filli kienet persważa, kif ġa rajna, li kienet midinba fqira, ingrata lejn Alla ta' kull benefiċċju u jistħoqqilha kull kastig. Hi konvinzjoni li tidher spiss fl-ittri tagħha u kabbret fiha, kif diġa rajna, l-bżonn tar-riparazzjoni.

Ma tonqosx, għalhekk li tistieden lis-sorijiet biex jipprattikaw u jikbru fl-umiltà. F'ittra tal-20 ta' Novembru 1926, li tibgħat lis-Sor Paċifica Xuereb, iddur direttament fuq grupp ta' sorijiet żgħar u tħeġġiġhom:.. *"Kif intom? Intomx umli? Tgħallimtuha l-lezzjoni mportanti tal-umiltà? Sr. Salvina, tiftakar meta s-sena l-oħra qrajna fil-ktieb fuq l-umiltà; għalhekk nistudjaw dejjem l-istess lezzjoni biex nitgħallmuha sewwa sa l-aħħar. Insellu għalikom u nħaddnukom ilkoll fil-Qalb Qaddisa u nitolbu dejjem kif jixraq, biex niksbu l-umiltà vera. Inkunu żgħar, żgħar, u sempliċi bħat-tfal innoċenti minflok inkunu injuranti u suppervi. Fhimtni?"* (Ittra 90).

F'ittra oħra bla data tikteb: *"Għall-grazzja t'Alla ninsabu lkoll f'saħħitna, hienja, nitqabdu mal-amor propju tagħna. X'jidhirlek? Dejjem l-istess taqbida bla mistrieħ, bla waqfien. Dejjem trid tagħmel il-kontra. Hux veru? Int tagħmel ħalli tirbaħ? Kif tmur fit-taqbida? Eh daqqa minn fuq u oħra minn taħt. Sabar u umiltà dejjem"* (Ittra 102).



**L-UMILTÀ**

Il-parir li tagħti li Sr. Dionisia Thomis maestra tan-novizzi f'Ruma, fit-2 ta' april 1933, jixbħu: *"Iva, maħbuba tiegħi, agħmlu minn kollox biex tgħallmuhom jimmeditaw tajjeb il-Passjoni Imqaddsa u l-Mewt tal-aktar ħelu Għarus Imsallab tagħna, biex jifhmu sewwa l-veru sens tal-imħabba pura eċċ.eċċ. Imbagħad jitgħallmu l-umiltà vera u profonda, l-ubbidjenza perfetta, eċċ. eċċ."* (Ittra 116).

# Il-Faqar

Il-virtù tal-faqar tixbaħ lill-umiltà. Madre Margherita tgħaqqad flimkien dawn il-virtujiet meta kienet tiġbed l-attenzjoni tas-sorijiet dwar il-misteri kristoloġiċi li diġa tkellimna fuqhom: il-Milied u l-Kalvarju. Jixraq ukoll li nagħtu mportanza lill-fatt li ta' spiss kienet tinqeda bl-aġġettiv 'foqra' meta kienet titħaddet mill-umiltà. Per eżempju, esprimiet l-istagħġib ta' ferħ għaliex id-'Dar tal-Adorazzjoni' fil-Belt Valletta (Malta) ingħatat lill-*'Franġiskani il-foqra'* (cf. Ittra 87); hekk ukoll tistqarr is-sorprisa qarsa taghha meta tintebah bil-ftit korrispondenza tal-bniedem għall-imħabba li Alla għandu għal '*ħlejjaq foqra*' (cf. Ittra 71).

La darba din hi virtù li tagħmel parti mill-ispiritwalitá Franġiskana, is-sorijiet ma setgħux ma jsemmux ix-xhieda li tat Madre Margherita fil-ħajja ta' kuljum; kienet tilbes fqir, kienet tikkuntenta biss bin-neċessarju, ma kinitx tfittex kumdità u ma kellhiex pretenzjonijiet ... Biex nieħdu eżempju, fl-1933 fi dar ta' Maria Bambina x-Xagħra tesprimi il-ferħ tagħha għax hemm kien isaltan il-faqar (cf. Ittra 115).

U kif jixraq s-sorijiet jorbtu dan l-eżerċizju ta'din il-virtù li tant tidher f'Madre Margherita fil-prospettiva Kristoloġika, li minnu tkellimna, għall-abbandun fiduċjuż u inkondizzjonat li hi tqiegħed fil-kura paterna ta'Alla, li minnha diġa tkellimna. U fost l-eżempji, hemm wieħed partikolari li nsibuh fil-kuraġġ li bih Madre Margherita aċċettat li tiftaħ fil-faqar l-iżjed kbir il-missjoni ta' Korfu.



*San Franġisk u Madonna Povertà*

# L-Ubbidjenza

Meta nitkellmu fuq l-umiltá, Madre Margherita tinsisti ħafna drabi fuq il-bżonn li tiġġieled kontra s-suppervja (cf. Ittra 126); hekk ukoll, tistedinna biex niċċaħħdu (cf. Ittra 143) għax iċ-ċaħda hi valur qawwi tal-faqar evanġeliku. Dawn is-sejħat huma mportanti għax biss persuna umli minn ġewwa u fqira spiritwalment tista' tkun lesta li tobdi u ċċedi għall-awtonomija tad-deċizjoni tagħha.

Għalhekk, waqt li nitkellmu mill-ubbidjenza is-sorijiet jassoċċjaw id-diskors bħal mhu l-umiltà mal-faqar flimkien mal-imħabba. Hi assoċjazzjoni li tixraq għax ta' spiss insibuha fl-ittri tagħha (Ittra 81, 105, 116).

Għalhekk waqt li nżommu preżenti dan il-kuntest, hu naturali li s-sorijiet jaraw f'Madre Margherita mudell ukoll tal-virtù tal-ubbidjenza, waqt li jirreferu għal fatti speċifiċi, li tagħhom insibu referenzi ukoll fl-ittri tagħha.

Fuq dan nistgħu nibnu dan il-kunċett. Madre Margherita kienet ubbidjenti fuq kollox għal Alla: biżżejjed niftakru fil-kelma Fiat li tinsab kullimkien fl-ittri speċjalment meta titkellem minnha nfisha. Kienet tobdi lill-autorità tal-Knisja, bħal meta aċċettat il-proposta tal-isqof ta' Malta biex tiftaħ il-missjoni ta' Korfù u meta aċċetatat id-dar tal-Adorazzjoni fil-belt Valletta Malta (cf. Ittra 24). Kienet ubbidjenti lejn is-superjuri tagħha, bħal meta fl-1951 aċċettat li tmur f'dar 'wisq komda' tal-Istitut ta' San Ġużepp il-Ħamrun (Malta) biex ikollha ftit frisk u arja tajba (cf. Ittra 104). Kienet tobdi wkoll lid-direttur spiritwali, Mons. Antonio Galea, bħal meta ndaħal hu biex hi taċċetta li terġa' tkun eletta Superjura Ġenerali fl-1917 (cf. Ittra 2 ff.).

# Konkluzzjoni

Il-preżentazzjoni tal-virtujiet ta' Madre Margherita li nsibu f'dawn il-paġni jiffurmaw ġabra fil-qosor, unika u organika ta' kif l-ulied spiritwali tagħha tal-lum jaraw u jammiraw lil Omm fundatriċi tagħhom, li huma jgħożżu, jqimu, u jfittxu li jroddulha ħajr.

Magħqudin flimkien, dak li ppreżentaw is-sorijiet li minnhom ġbarna din is-sinteżi, joffri dehra li tiġbdek ta' Madre Margherita, mara li kienet tgħix mingħajr riserva u b'kostanza d-don divin tal-vokazzjoni tagħha fil-prattika tal-virtujiet kollha eżerċitati fid-dawl tal-fidi, fil-qawwa tat-tama, fil-ħerqa tal-imħabba.

Bil-mod kif jippreżentawha s-sorijiet Madre Margherita tidher bħala persuna, li fl-eżerċizzju tal-virtujiet tagħha, laħqet realizzazzjoni brillanti ta' ruħ f'għaqda spiritwali, morali u umana armonjuża u tidher tassew bħala mużajk mill-isbaħ b'ħafna biċċiet.

Għal dan il-motiv, jista' jiġi affermat li dawn l-dettalji li għamlu s-sorijiet, għalkemm mhumiex eżawrjenti, huma f' armonija sħiħa mas-sentenza awtorevoli espressa mill-Konsulenti Teoloġiċi ta' Madre Margherita; sentenza li ġiet irratifikata uffiċjalment, bis-siġill tal-awtorità ekkleżjali suprema tiegħu, mill-Papa Franġisku bil-proklamazzjoni tal-eżerċizzju erojiku tal-virtujiet teologali u morali ta' Madre Margherita.

Għalhekk żewġ osservazzjonijiet pertinenti li għamlu is-sorijiet jistgħu jservuhom biex jifformulaw konklużjoni miftuħa li tħeġġiħom fil-ħajja tagħhom.

L-ewwel osservazzjoni tirreferi għat-tagħlim dwar il-prattika tal-virtujiet (eżortazzjonijiet, sejħat għall-parir, inkorraġġiment) li xerrdet Madre Margherita fl-ittri tagħha lis-

sorijiet. Is-sorijiet tal-lum iħossuhom sfidati intimament u nvoluti personalment f'dan it-tagħlim tagħha, u ghalhekk jikkonsidrawhom bħallikieku miktubin lilhom.

It-tieni osservazzjoni tirreferi għat-totalità tal-virtujiet fil-ħajja ta' Madre Margherita. Is-sorijiet tal-lum jaraw fix-xhieda tagħha għajta, stedina ta' omm u stimolu qawwi biex jaraw fl-Omm tagħhom mudell li għandu jkun ta' ispirazzjoni biex jagħmlu ħajjithom aktar awtentika, ikkonsagrata b'fedeltà għall-karizma kongregazzjonali.

Fuq kollox, is-sorijiet jgħidu li huwa bħallikieku Madre Margherita bil-kitbiet u bl-eżempju irrepetitilhom il-kliem ta' Missierna San Franġisk lill-patrijiet tiegħu: Jien għamilt il-parti tiegħi; il-Mulej jgħallmek tagħmel tiegħek.

Naturalment dak li Madre Margherita tgħid lil uliedha spiritwali llum, jgħodd għal kulħadd.

## ***Talba***

*O Trinità Qaddisa*
*jiena nadurak, inbierkek u niżżik ħajr*
*tad-doni u l-grazzji li inti tajt*
*lill-Venerabbli Madre Margherita*
*tal-Qalb ta'Ġesù.*

*Nitolbok li turi fiha s-setgħa u l-imħabba tiegħek u l-kobor tal-ħniena tiegħek, billi taqlagħli bl-interċessjoni tagħha l-grazzja li tant nixtieq. Amen.*

*Glorja l-Missier...*



Il-Venerabbli Qaddejja t'Alla

MADRE MARGHERITA
TAL-QALB TA' ĠESÙ

Fundatriċi tas-
SORIJIET FRANĠISKANI TAL-
QALB TA'ĠESÙ

# INDIĊI


**Introduzzjoni** 3

**Il-Virtujiet Tejologali** 7

Il-Fidi 8

It-Tama 14

l-Imħabba 20

**Il-Virtujiet Kardinali** 30

Il-Prudenza 32

Il-Ħaqq 34

Il-Qawwa 36

Il-Qies 39

**Virtujiet oħra** 42

It-Talb 42

L-Umiltà 45

Il-Faqar 47

L-Ubbidjenza 48

**Konklużjoni** **49**

Talba 51

**Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù**

